MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 32/2001/1

**Maltacom p.l.c**

**vs**

**Ir-Regolatur tat-Telekommunikazzjonijiet u b'nota tat-22 ta' Jannar 2001, l-Awtorita` dwar it-Telekomunikazzjonijiet assumit l-atti ta' dan l-appell**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Jannar 2001 il-Bord ta' l-Appelli tat-Telekomunikazzjonijiet ppronunzja s-segwenti decizjoni:-

"Il-Bord wara li ra l-verbal tas-seduta tad-9 ta'Ottubru 2000 fejn gie registrat li:

"Ic-Chairman irreleva illi din kienet l-ewwel seduta ta' l-appell numru 3 tal-1999 u qed tinstema' wara li l-partijiet

qablu li ghandha tigi quddiem il-Bord wara id-decizjoni ta' l-appell numru 1 ta' l-1999.

Il-Bord talab il-partjiet biex jidentifikaw jekk kienx hemm kontestazzjoni.

Ir-Regolatur iddikjara illi l-uniku punt kontestat fil-principju jirrigwarda l-Costings tad-directory liema spejjes issottometta ma ghandhomx jigu nkluzi ma' dawk tal-Universal Services Obligations.

Dr. Andrew Muscat ghas-socjeta` appellanti jiddikjara illi l-klijenti tieghu accettaw il-kriterji stabilliti fid-decizjoni tat-Telecommunications Appeals Board fil-kaz ta' l-appell numru 1 tal-1999 u ghalhekk lesti biex flimkien mar-Regolatur, jidhlu fid-dettal tal-workings tal-Universal Services Obligations li dwarhom ma hemmx kontestazzjoni.

Ghar-rigward tad-Directory costs, is-socjeta` appellanti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni moghtija minn dan il-Bord u tirriserva li ggib il-provi taghhom u/jew taghmel is-sottomissjonijiet taghhom taghha fi stadju ulterjuri".

Il-Bord ghalhekk ezamina l-provi u sema' t-trattazzjoni tal-partijiet a rigward l-uniku mertu ta' dan l-appell u cioe` jekk id-directory costs ghandhom jibqghu inkluzi bhala Universal Service Obligation.

Il-Bord jirreferi ghad-definizzjoni ta' Universal Service Obligation skond l-Att XXXIII ta' l-1997: "means an obligation to provide telecommunications services that are designed by the Regulator as basic services for social reasons at an affordable price or free of charge".

L-istess Att fid-definizzjoni ta' Telecommunication service jinkludi "a directory information service consisting in the provision by any means whatsoever of directory information.." Ghalhekk l-Att ma jeskludi ebda forma ta' direttorju ghax jispecifika" by any means whatsoever".

Ghalhekk jezistu l-kriterji kollha biex id-direttorju jaqa’ taht id-definizzjoni ta’ Universal Service Obligation stante li ghar-ragunijiet socjali ghandu jkun distribwit lil kull utenti b’xejn u dan kif jirrisulta mit-telephone services regulation 1972:

“Every telephone subscriber shall be supplied with one copy of the directory free of charge for every exchange line”.

Ir-Regolatur issottometta li d-direttorju ma jaqa’ taht l-ebda mill-kategoriji indikati fl-Avviz Legali 216 ta’ l-1998 bhala Universal Service Obligation. Il-Bord pero` jirritjeni li dan ma jfissirx li jekk jezisti servizz li jaqa’ taht id-definizzjoni tal-Att principali u li kien jezisti qabel il-hrug ta’ l-Avviz legali dan ghandu jigi eskluz bhala servizz universali.

Il-Bord ghar-ragunijiet fuq indikati jiddeciedi li jikkonferma li d-directory costs jikkwalifikaw bhala Universal service obligation.

Il-Bord pero` jidderigi lir-Regolatur sabiex jaccerta l-impatt tal-fatt li rrizulta waqt is-smiegh ta’ l-appell, u cioe` li s-socjeta` appellanti dahlet f’relazzjoni kummercjali ghall-produzzjoni ta’ l-istess direttorju u dan ghall-iskop tar-rimunerazzjoni mill-Universal Services Fund.”

Minn din is-sentenza appella r-Regolatur bl-aggravju illi l-Bord tal-Appelli kien zbaljat meta awtorizza r-rimbors ghall-provvizjon tas-servizz tad-Direttorju tat-Telephone. Huwa jissottometti illi l-Bord ecceda l-kompetenza tieghu u wettaq vjolazzjoni tal-ligi meta approva hlas mill-Fond ghal Servizzi Universali tas-servizz fuq imsemmi meta dan ma kienx jirrientra fl-lista ta’ servizzi espressament provvduta fl-Avviz Legali 216 ta’ l-1998.

It-twegiba tas-socjeta` Maltacom ghall-obbjezzjoni fuq riportata hi fis-sens illi kuntrarjament ghal dak ritenut mir-Regolatur appellant, is-servizz tad-Diretorju jista’ jigi nkwadrat fl-ipotesi ta’ dak intitolat bhala “servizzi bl-ghajnuna ta’ l-operatur” fil-precitat avviz legali. F’kull kaz l-istess socjeta` appellata ssostni illi dak osservat mill-

Bord ta' l-Appelli jibqa' validu gjaladarba servizz bhal dan in diskussjoni ma setghax jigi eskluz meta hu kontemplat, bl-Att principali XXXIII ta' l-1997, bhala servizz universali.

Premessa l-kwestjoni li l-partijiet ikkontendew dwarha quddiem il-Bord ta' l-Appelli, essenzjalment il-punt involut f'din il-kontroversja huwa dan. L-appellanti jsostni illi l-Bord kellu joqghod ghal dak biss li jinghad fir-regolament (4) ta' l-Avviz Legali imsemmi in kwantu huwa dak fejn ir-Regolatur specifika liema servizzi kellhom jitqiesu bhala "obbligazzjonijiet ta' servizz Universali". Fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti, traskritt a fol 41 et sequitur, huwa jenfasizza illi l-costs tad-direttorju ma jidhlux awtomatikament fil-kuncett ta' "Universal Services Obligation" u dippju l-fatt li skond it-Telephone Regulations tal-1972 dan is-servizz kellu jinghata b'xejn ma jaghmluhx ghal daqshekk is-servizz kwalifikat skond l-imsemmi regolament (4).

Is-socjeta` appellata, invece, tikkontendi illi "Universal Services Obligations" ma humiex dawk biss li jissemmew fl-Avviz Legali. Biex issostni dan, tirrikorri ghad-definizzjonijiet fl-Att principali u ghall-politika legislattiva tal-Att innifsu li hasbet biex l-obbligat tas-servizz universali jigi in parte rikompensat minn fond imwaqqaf ghal tal-apposta.

Huwa bil-wisq ovvju min dan premess illi l-kwestjoni tirreduci ruhha ghal wahda ta' interpretazzjoni. L-appellanti jinsisti li tali interpretazzjoni ghandha tkun wahda restrittiva u ghandha tinfluwixxi fuq l-interpretazzjoni li ghandha tinghata dik solitament applikata fil-kaz ta' ligi fiskali, jigifieri dik letterali. Ghall-kuntrarju s-socjeta` appellata topta ghall-interpretazzjoni aktar estensiva fis-sens illi l-materja ma ghandhiex tigi cirkoskritta minn dak li jinghad fl-Avviz Legali biss izda pjuttost minn dik l-interpretazzjoni sostenuta fl-Att principali.

L-insistenza tal-appellant illi t-tifsira li ghandha tigi akkordata ghandha tixbah lil dik moghtija lil-ligijiet fiskali hi certament ovvja. Dan ghaliex kif akkolt f'xi sentenzi

"quando le leggi tributarie sono chiare non e` permessa alcuna interpretazione ma esse devono essere applicate nel loro senso letterale poiche l'interpretatione che meglio si addice alle leggi tributarie, anche nel dubbio, come c'insegna Ulpiano, e` la letterale: 'in re igitur dubia melius est verbis Edicti servire' (sezione 1 para 20 Digesto, "De Exercitoria actione")" – "**Dottor Carlo Manche –vs- Onor. Giuseppe Huber noe**", Appell, 7 ta' Dicembru 1921; "**Brigadiere Generale Harry Simonds De Brett noe –vs- James Turner noe**", Appell 16 ta' Frar 1934.

Issa apparti l-fatt li f'dan il-kaz non si tratta ta' ligi tributarja, l-istess ma jaghmelx gieh lill-fattezzi partikolari tieghu kieku l-interpretazzjoni li ghandha tinghata kellha tkun parifikata ghal dik moghtija lil-ligi bhal dik. Hi anzi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-principju ta' gustizzja u r-regoli tal-logika u tal-bon sens certament jezigu illi l-materja ma tigix interpretata fil-qafas restrittiv propost mill-appellanti b'mod li titlef l-effikacja taghha, izda pjuttost interpretata u applikata fil-limiti razzjonali dettati mil-ligi.

Il-Qorti allura thoss illi t-teorija l-aktar accettabbli ghandha tkun dik illi, kif drabi ohra rilevat, "allavolja l-kelma tal-legislatur tkun cara, huwa lecitu li tigi ezaminata r-"ratio legis" biex tittiehed interpretazzjoni aktar preciza tal-ligi" (**Vol XXXIII pI p103**), u b'hekk tinghata dik l-interpretazzjoni "li tikkorrispondi ghall-ispirtu nformatur tal-ligi" (**Vol XXXVII pI p179**; **Vol XLV pI p408**).

L-ahjar interpretazzjoni hija li permezz ta' interpretazzjoni logika u ntegrattiva wiehed jippenetra fil-hsieb tal-legislatur u jispjega l-veru sens tal-kliem minnu uzat u, allura f'dan il-process, il-volonta` vera tieghu.

Fl-ezami ezegetiku tal-ligi de quo – l-Att XXXIII ta' l-1997 dwar it-Telekomunikazzjoni – nsibu li hemm definizzjoni tal-kliem "obbligu ta' servizz universali" ko-involgenti "servizzi ta' telekomunikazzjonijiet li jissemmew mir-Regolatur bhala servizzi bazici ghall-ghanijiet socjali bi prezz baxx jew ghal kollox b'xejn". "Servizzi ta' telekomunikazzjonijiet" li inter alia jikkomprendu "servizz ta' nformazzjoni ta' direttorju li jkun jikkonsisti fil-

provvediment b'kull mezz li jkun ta' nformazzjoni ta' direttorju bil-ghan li jigi facilitat l-uzu tas-servizz …"

Il-kontenzjoni kollha tal-appellanti hi din. Gjaladarba l-ligi stess tipprovdi li "obbligazzjonijiet ta' servizzi universali" huma dawk biss dettati mir-Regolatur f'regolament (4) ta' l-Avviz Legali 216 ta' l-1998, bl-operat tal-Artikolu 33 (3) tal-Att principali, ergo kull servizz iehor mhux imsemmi ma jikkwalifikax bhala servizz konsimili u dan allura lanqas ma jikkwalifika ghar-rimbors mill-"Fond" appozitament imwaqqaf.

F'dan il-kuntest din il-Qorti tistaqsi jekk kellux il-legislatur jipprovdi bl-istess regolamenti (A.L. 216 ta' l-1998) u b'mod espress ghall-inkluzjoni tas-servizz ta' nformazzjoni ta' Direttorju, meta dan, gja jinsab regolat b'mod specifiku f'regolamenti ohra – Transport Services Regulations tal-1972 – li, nonostante l-ligi l-gdida, baqghu veljanti u operattivi bis-sahha tal-Artiklu 36 (4) tal-Att XXXIII ta' l-1997. Regolamenti li inter alia jippreskrivu li kull utent tas-servizz tat-telephone ghandu jigi provvdut b'kopja tad-direttorju "free of charge". Forsi dan mhux ukoll "ghan socjali", konsiderat dan l-iskop bhala substrat ta' "obbligu ta' servizz universali", anke jekk tali servizz mhux espressament annoverat fost il-lista ta' servizzi elenkati fl-Avviz Legali 216 ta' l-1998, kompriz allura wkoll "is-servizz bl-ghajnuna ta' l-operatur", li bl-oppost ta' dak ritenut mis-socjeta` appellata, s-servizz de quo remotament jew xejn jista' jinkwadra ruhu fih.

Meta wiehed jirrifletti fuq dak li jinghad fil-ligi u r-regolamenti li jghoddu ghaliha, naturalment konsiderati u applikati, kif hekk hu mistenni, fil-kumpless shih taghhom, u mhux izolati minn xulxin, l-interpretazzjoni konsentita u li tidher li hi l-aktar wahda sensata u korretta ghandha tkun dik li s-servizzi specifikati fir-regolament 4 tal-Avviz Legali 216 ta' l-1998 ma humiex "all inclusive", kif hekk postulat mill-appellanti, izda ghandhom ragjonevolment jitqiesu servizzi ohra espressament menzjonati f'regolament ohra dwar it-telekommunikazzjonijiet u li mill-portata u l-effett taghhom ma humiex diversi mit-tifsira moghtija mil-ligi ghall-"obbligu ta' servizz universali". Regolament wiehed

ma ghandux jitqies in kontradizzjoni ma' regolament iehor. Anzi ghandu ugwalment jitqies li qed jirregola l-istess kontingenza bhal dak tar-regolament l-iehor fejn l-ghan socjali huwa konsimili. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din ghandha tkun anke f'dan il-kaz il-kostruzzjoni l-aktar ragjonevoli u li tarmonizza mal-principju. Dan anke indipendentement mill-posizzjoni komplimentari ghal din raggunta mill-istess Bord ta' l-Appelli f'kazijiet antecedenti ghal dak hawn ezaminat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell interpost u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Telekomunikazzjonijiet, bl-ispejjez kontra r-Regolatur appellant.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------